**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

**-vs-**

**Gordon Shephard, detentur tal-Karta tal-Identità numru 386874M, u**

**Corner Foodstores Company Limited, Triq il-Qasam, Swieqi (C 30452)**

*Każ Nru. 7589/2023*

Illum, 24 t'April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Gordon Shephard u Corner **Foodstores Company Limited** u ċioe talli:

> Nhar is-07.11.2022 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, bħala negozjanti jew kummerċjanti jew persuni li joperaw kummerċjalment l-ħanut Corner Food Store magħruf wkoll bħala Corner Food Stores f'Triq il-Qasam, Swieqi, il-fuq imsemmija Corner Foodstores Company Limited (C 30452) u Gordon Shephard:

1. Kissru u/jew naqsu li jħarsu d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Prezzijiet indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Leġislazzjoni Sussidjarja [L.S.] 378.09 peress li fil-mument tal-ħlas da parti tal-konsumaturi, l-imsemmija Corner Foodstores Company Limited u Gordon Shephard imponew prezzijiet ikbar mill-prezzijiet indikati, meta

l-prezz indikat għandu jkun l-prezz aħħari għall-bejgħ bl-imnut jew il-prezz aħħari ta' unità (ksur tar-regolament 5 tal-L.S.378.09 fid-dawl kemm tad-definizzjoni tal-kelma 'prezz' fl-artikolu 2(2) tal-L.S.378.09 u kif ukoll tal-artikolu 3 tal-L.S.378.09.

Il-Qorti ġiet mitluba li kemm il-darba tirriżulta l-ħtija, timponi fir-rigward tal-akkużati l-multa jew il-multi u tordna l-pubblikazzjoni tas-sentenza mgħoddija fuq min jinsab ħati, ai termini tar-regolament 9 (3) tal-L.S. 378.09.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat Shephard ghal Corner Food Stores Company Limited ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi mill-provi riżultanti ma instabx li l-imputat Shephard f'ismu personali wettaq ir-reat addebitat.

**IL-PIENA**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni reġistrata, tan-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom u taċ-ċirkostanzi tal-każ.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lil Gordon Shephard, wara li rat ir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar Prezzijiet Indikati skond l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, (L.S. 378.09), issib lil Corner Foodstores Company Limited ħatja tal-imputazzjonijiet lilha addebitata u timmultaha multa ta' mitejn u ħamsin ewro (€250).

Ai termini tal-ewwel proviso għar-regolament 9(3) tar-Regolamenti fuq imsemmija, tordna l-pubblikazzjoni f'xi wieħed jew aktar mill-ġurnali ta' kuljum, tas-sentenza mgħoddija fuq il-ħatja, jew dikjarazzjoni jew sunt tal-istess sentenza.

**Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**